# ILHNA POETICI EWLENIN TA' LLUM

Minn mindu l-awturi ġodda ħassu l-ħtieġa ta' maturità differenti, aġġornata skond it-tiġrib tas-seklu għoxrin, il-letteratura Maltija bdiet tiġġedded u tagħmel l-akbar passi 'l quddiem li qatt għamlet. Wara li l-formuli tar-romantiċiżmu tradizzjonali, skematiku, laħqu nħlew mill-imitaturi ta' Dun Karm, il-poeżija daħlet f'perijodu twil ta' dekadenza. Hekk ukoll il-qasam tan-narrativa, u t-teatru, ġeneru li baqa' aktar mill-bqija marbut ma' skemi qodma mirutin minn bosta snin qabel. Is-sensibilità li rawmu l-poeti u l-prożaturi l-ġodda kienet mibnija fuq edukazzjoni letterarja għolja, fuq kuxjenza ħajja li ma tingħalaqx skond preġudizzji ta' kemm-il xorta, u fuq kollox fuq il-konvinzjoni li l-letteratura Maltija tista' tkun valida biss jekk tqis ruħha bħala parti mil-letteratura dinjija.

Dawn li ġejjin huma eżempji ta' kitbiet li jistgħu jingħaddu fost l-aħjar xogħlijiet ta' l-ilħna ewlenin li wettqu dan it-tiġdid tekniku u formali fil-poeżija Maltija reċenti.

Minn *TABERNAKLI* (A.C. Aquilina & Co., 1979) ta'
MARIO AZZOPARDI

# FAWWARA

*Kappara taqsam bħal sinna mill-blat*
*teħel ma' ruħi fil-lejl tar-ragħad*
*u r-riħ jagħrafha.*

*Leħen is-sajjetta jibqa' jsus*
*bħal met' għaxi*
*wara t-telqa ta' l-imħabba*
*l-mara tal-ħolm tibqa' tagħfasni*
*biex nerħi mill-ġdid.*

*L-istilel li m'għandhomx sabar jibqgħu f'posthom*
*jiġu għall-kenn f'dat-tabernaklu*
*daqqa kiesaħ daqs ir-ramel*
*daqqa jiskalda x-xewk*
*iżda dejjem abjad*
*bħat-tifriħ ta' l-għotja.*

*U nisma' l-ilħna ta' min miet għall-ħamrija*
*jew min għadu ma twelidx*
*jitolbuni post taħt Siġret Alla.*

*Jien il-pjanta tal-gabillot tal-ġenna.*
*Qalbi r-rummiena*
*b'ċelel trasparenti ta' mħabba mħaffra*
*b'ċifri fil-ġebel imtaqqab:*
*ktieb tas-salmi li ntesew,*
*li kulħadd beża' jkanta.*

*Ja idejn tal-bdiewa:*
*forsi meta subgħajkom imissu x-xquq taċ-ċifri*
*għajnejkom ma jarawx u raskom*
*ma ttikomx biex tħollu s-sinjali.*
*Iżda ħarsu:*
*għax ma toftqux dil-frotta?*

**MARIO AZZOPARDI**

Minn *IL-KANTIKU TAD-DEMM* (A.C. Aquilina & Co., 1980)
ta' ACHILLE MIZZI

# WENS

*Bl-ombra sħuna ta' nifsek*
*wennisni.*
*Għax truf subgħajk m'humiex għomja.*
*Daqs kemm m'hix truxa l-vina*
*tnemmel fit-tanbur ta' widinti.*
*Kemm hu sfiq dan id-dlam għammieq*
*madwarna l-ġganti*
*li nieqfu arbulati fuq par saqajn*
*fuq dan il-mikrokożmu*
*ta' ħamrija tgedwed bil-ħajja!*
*Il-piż taż-żmien u l-ispazju*
*qed igħattanni bħal sider mimli*
*fuq fomm ta' tarbija.*
*U nħossni waħdi.*
*Avolja waqtiet*
*fl-għaxijiet blu nistqarr ħsibijieti*
*max-xitel u merqtu jifhimni*
*u xewqati bħal ponn kosbor*
*jgħosfru u jimirħu fil-baħħ mal-qtajjiet*
*ta' l-alwett.*

*Daqqiet inħossni mġenġel*
*bħal żir tad-deffun li jtappan ġo fih*
*ċempil il-qtar*
*li ma jdoqqx id-difa tal-kristall.*
*Min hu dan alla tal-kefrija*
*li bil-ħdejjed jikwu*
*ħbub għajnejja xawwatli?*
*Ħalli ntiegħem għarqek ma' ġismi.*
*Ħa nxomm rieqek jismotni bir-riħa*
*tas-sess li jagħżilna.*
*U l-għomja li qatt ma stabru fl-iljieli bla kwiekeb*
*jaraw mill-ġdid minn ġo fina,*
*jaraw l-agħdajjar bħal ħġieġa mxaqqa*
*fejn jittertqu l-imrieżaq.*
*Missni naqra u jaqa' l-qxur*
*minn għajnejja,*
*u minn ġismi jinħallu l-faxex*
*u minn ġewwa ninxtegħel bl-oranġjo*
*bħal ferħ naħal sakran igħanni l-għanja*
*bla nikta*
*f'bomblu baqta mimli bin-nir*
*tas-sema t'April.*

**ACHILLE MIZZI**

# CIRKONCIZJONI

*Lilhinn minn Irnella*
*Jaqa' sabta kemm jidher id-dell tal-fidda*
*mal-mewġ jitkissru l-ħjut ta' driegħu*
*iriegħu id rizzi*
*ma' riġlejna għanjiethom*
*tax-xebba nofs għera*
*max-xbieki riesqa tonsob ħaraġ l-irġiel*
*jistkennu*
*għassa wara l-ħasira*
*mill-għanja sirena*
*u l-għomma ta' xtut nofs in-nhar*

*'ma t-tfajjel sajjied skarta n-nagħsa*
*minn ħofra għal ħofra*

*saq il-grottli ta' ħtijietna*
*jdemmu minn kenn għal kenn*
*sakemm leħinha bla ħniena mal-qiegħ*
*waħħallu s-sunnara mal-ħofra fil-blat*
*u t-tifel jistenna bejn art u ilma*
*f'imxija ta' stasi*
*jitriegħed stirat mal-vlontin*
*u jogħdos biex jeħles ir-raġel ġo baħar*
*il-qilla*

*sa jaqta' l-ħarira bi snienu*
*imħabbla ma' blat irrakkmat*
*sakemm nagħsu jdamdam*
*bla wġigħ*
*u d-denfilara toqros ma' koxxtu tiħmar*
*u l-mewġa li ttellgħu f'ħoġorha*
*tiddardar bil-vjolin ta' demmu*
*U x-xebba rżina mxiet ħafja*

*kompliet safja*
*mal-kosta ttella' xuxitha lejn is-sema*
*tistenna l-fidda*
*li ġa tħallset deheb*

**DANIEL MASSA**

Minn F'ALTAMIRA (Gulf Publishing 1979)
ta' VICTOR FENECH

# F'HAGAR QIM

*o kbir alla l-ogħla sid li taf kollox tifhem kollox tara kollox saħansitra wara l-għolja 'l fuq mis-sħab ifhem lilna mixħutin fuq irkubbtejna nitolbuk li din il-gżira li ħabbejna ma tħallix illi tintilef fi rjiħat ma jwasslu mkien*

*o kbir alla nitolbuk fuq irkubbtejna la tħallix lil din il-gżira lejn trabbejna li tintrebaħ mill-qawwiet minn tas-sibbien*

*o kbir alla l-ogħla sid la tnaqqarx waħda war' waħda t-tfajliet sbieħ (sabiex b'demmhom tikseb ġieħ) għaliex bihom din l-art ħelwa trid tissaqqa għaliex minnhom trid il-frieħ*

*o kbir alla l-ogħla sid afda fina inżel fostna aqsam magħna isma' s-sejħa tal-ġens tagħna sejħa kiebja ta' ġens twajjeb taħt blat samm u flimkien (jekk int tiċċaqlaq) naqsmu l-qafas ta' dil-lirda qed iżżommna żmien ir-ram*

**VICTOR FENECH**